# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 71

It-Tnejn 23 t'Ottubru 2023

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar it-Tnjen 23 t'Ottubru 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 71.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

71.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi informa lill-Kunsill li ser ikun indispost minħabba raġunijiet ta' xogħol, filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil informa lill-Kunsill li mhux ser jattendi minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

71.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 69 u l-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 70 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

71.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

71.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 71.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

71.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li attenda għal serata ta' mużika letterarja f'ġieħ il-Professur Ġużè' Aquilina mtella' mill-Akkademja tal-Malti ġewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Munxar. Huwa qal li saret xi kritika li l-Kunsill m'għamel xejn biex jibqa mfakkar il-Professur Ġużè' Aquilina iżda s-Sindku fakkar lill-membri li l-Kunsill kien applika u ngħata fondi taħt skema maħruġa mill-Aġenzija LESA sabiex isir bust tal-Professur Ġużè' Aquilina fi Ġnien il-Professur Ġużè' Aquilina li jinsab fi Triq il-Professur Ġużè' Aquilina fil-Munxar. Is-Sindku għarraf lill-membri li għaddejjin il-preparamenti sabiex tinħareġ is-sejħa għall-offerti wara li kien hemm qbil li dan isir ħdejn l-entratura prinċipali ta' Ġnien il-Professur Ġużè' Aquilina.

71.3.2 Is-Sindku fakkar lill-membri li nhar l-Erbgħa 26 t'Ottubru 2023, il-Kunsill ser ikun qed jamministra l-għoti tal-vaċċin tal-influwenza mill-berġa tal-Kunsill.

## 71.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

71.4.1 Il-Kunsillier, Juliet Attard staqsiet dwar il-ġbir tal-iskart fi Triq Puniċi fix-Xlendi minħabba l-permessi li qed jinħarġu mill-Kunsill tal-għeluq ta' din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li bi qbil mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart, il-permessi qed jingħataw wara d-9.00 ta' filgħodu biex il-kuntrattur jilħaq jiġbor l-iskart residenzjali ta' dik it-triq filwaqt li nhar ta' Ħamis il-permessi qed jingħataw wara l-10.00 ta' filgħodu. Is-Sindku qal ukoll li meta jkun hemm xi abbużi u t-triq tingħalaq qabel il-ħin tal-permess qed jiġu nfurmati l-Pulizija biex jintervjenu dak il-ħin.

## 71.5 Proġetti fil-Lokalita';

71.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill bħalissa qed jiffoka dwar il-proġett ta' tisbieħ tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka, dwar il-proġett ta' dwal ġodda dekorattiv fi Triq San Xmun u Trejqet il-Madonna tal-Karmnu u parti minn Triq ir-Rabat fix-Xlendi, kif ukoll dwar il-proġett ta' bdil ta' *railing* fi Triq San Xmun fix-Xlendi.

71.5.2 Rigward il-proġett ta' tisbieħ tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka, is-Sindku informa lill-membri li x-xogħlijiet tal-infrastruttura ġew *awarded* hekk kif maqbul fl-aħħar laqgħa li saret b'urġenza u fil-jiem li ġejjin ser jiġi ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur, filwaqt li reġgħet ħarġet sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet relatati mas-sistema tad-dwal għal dan il-proġett liema sejħa ser tagħlaq fis-27 t'Ottubru 2023. Kien hemm qbil mill-membri dwar il-ħatra tal-bord tal-evalwazzjoni għal din l-offerta biex ikun magħmul mill-Inġinier Mario Cauchi, mill-Accountant Daniel Galea u s-Sur William Sulatana bħala evalwaturi filwaqt li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala *chairman* u segretarju ta' dan il-bord. Dwar il-finanzjament għal dan il-proġett is-Sindku fakkar lill-membri li parti minnu se jkun iffinanzjat mill-iskema tad-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali SPI/SCI/9/2022 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom, parti żgħira mill-Kunsill Lokali, filwaqt li l-parti l-oħra mill-fondi tal-Awtorita' tal-Ippjanar tad-*Development Planning Fund* fejn il-Kunsill irċieva l-

kuntratt biex jiġi ffirmat. Kien hemm qbil biex dan il-kuntratt jiġi ffirmat.

71.5.3 Rigward il-proġett ta' dwal ġodda dekorattiv fi Triq San Xmun u Trejqet il-Madonna tal-Karmnu u parti minn Triq ir-Rabat fix-Xlendi, is-Sindku għarraf lill-membri li waslet parti mill-kunsinja ta' dan il-materjal u fil-jiem li ġejjin mistenni jibda x-xogħol tal-installazzjoni tagħhom filwaqt li tasal l-aħħar parti tal-kunsinja.

71.5.4 Rigward il-proġett ta' bdil ta' *railing* fi Triq San Xmun fix-Xlendi, is-Sindku għarraf lill-membri li dan il-materjal ġie ordnat biex hekk kif jasal jibda x-xogħol tal-installazzjoni.

## 71.6 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*: Jannar 2023 – Settembru 2023 (It-tielet kwart);

71.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Settembru 2023 li ntbagħat wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.
Ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart Jannar 2023 – Settembru 2023 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 71.7 Jum Il-Munxar 2023;

71.7.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, ippropona sabiex l-attivitajiet ta' Jum Il-Munxar 2023 isiru bħas-snin ta' qabel jiġifieri quddiesa ta' radd il-ħajr nhar it-12 ta' Diċembru 2023 fil-Knisja Parrokjali u ssegwi serata tal-okkażjoni fiċ-Ċentru Parrokjali fejn jiġi ppreżentat ir-rikonoxximent ta' Ġieħ Il-Munxar u wara jkun hemm riċeviment. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan u sabiex il-Kunsill jibgħat l-inviti lill-mistednin distinti. Dwar ir-rikonoxximent ta' Ġieħ Il-Munxar kien hemm qbil li dan jiġi kkonfermat fil-laqgħa li jmiss.

## 71.8 Milied 2023;

71.8.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-membri programm t'attivitajiet għal żmien il-Milied li jikkonsisti: f'attivita' ta' spettaklu

għall-familja kollha u logħob għat-tfal nhar is-17 ta' Diċembru 2023 li parti minnha ser tkun iffinanzjata mill-Ministeru Għal Għawdex li alloka €2,500 bħala għajnuna għal din l-attivita', ħarġa għat-tfal u oħra għall-anzjani, kif ukoll it-tqassim ta' rigali minn *Father Christmas*. Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-membri sabiex isir it-tiżjin madwar il-lokalita' mill-membri tal-għaqdiet volontarji bħal snin passati. Kien hemm qbil dwar dan kollu mill-membri preżenti.

## 71.9 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

71.9.1 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Mixgħela tal-Qaddisin – Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar – 29 t'Ottubru 2023;
- Quddiesa fil-beraħ – Triq 12 ta' Diċembru 1957, Il-Munxar – 24 t'Ottubru 2023;

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni. Il-Kunsill se jkun qed jikkontribwixxi f'dawn l-attivitajiet.

71.9.2 Il-Kunsill irċieva l-kuntratt ta' finanzjament taħt l-iskema maħruġa mid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali SPI/SCI/4/2023 – Komunitajiet aktar Siguri u Organizzati fejn il-Kunsill kien applika biex jinstalla CCTV *cameras* madwar il-lokalita'. Kien hemm qbil sabiex dan il-kuntratt jiġi ffirmat u tinħareġ sejħa għall-offerti biex isir dan ix-xogħol.

71.9.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza sabiex jiġi mġedded il-kuntratt għad-devoluzzjoni ta' sit fi Triq Santa Dminka fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan il-kuntratt jiġi ffirmat.

71.9.4 Il-Kunsill irċieva notifika b'avviż ta' infurzar fuq żvilupp ta' terzi li mhux skont il-permessi mill-Awtorita' tal-Ippjanar fi Triq Xatt ix-Xlendi fix-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

71.9.5 Il-Kunsill irċieva ftehim ta' finanzjament mill-Ministeru Għal Għawdex sabiex issir attivita' tal-Milied nhar is-17 ta' Diċembru 2023 hekk kif spjegat aktar kmieni f'din il-laqgħa. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan il-ftehim jiġi ffirmat.

71.9.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-awtorita' ta' ġestjoni tal-fondi ewropej fir-rigward tal-proġett ta' restawr tat-torri tax-Xlendi fejn ġie

kkonfermat li x-xogħlijiet tal-proġett huma kompluti b'valur ta' €348,800.92 inkluż il-VAT.

71.9.7 Il-Kunsill irċieva konferma tal-ġranet u d-disponibbilta' tal-għalliema tas-sessjonijiet tal-'Keep Fit' li ser ikunu kull nhar ta' Tlieta bejn 9.45am u 10.45am li ser isiru ġewwa iċ-Ċentru Parrokjali bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru Għal Għawdex.

71.9.8 Direttiva DG Nru 02/2023 – Pożizzjoni ta' Uffiċjali maniġerjali Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

71.9.9 Kunsill Reġjonali Għawdex – Sessjoni ta' Informazzjoni għall-Kunsilli Lokali Għawdxin mill-Victims Support Agency (VSA) – 16 t'Ottubru 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut u s-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma l-attendenza tiegħu għal din is-sessjoni.

71.9.10 Kunsill Reġjonali Għawdex – Project Opportunity GRDA. Il-Kunsill innota l-kontenut.

71.9.11 Ċirkulari Nru AKL 2023/086 – President's Fun Run 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

71.9.12 Ċirkulari Nru AKL 2023/087 – Open Call for members: Integrating Generative AI in Adult Education, Empowering Teachers, Trainers and Facilitators. Il-Kunsill innota l-kontenut.

71.9.13 Ċirkulari Nru AKL 2023/088 – Espressjoni ta' interess miftuħa għall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

71.9.14 Ċirkulari Nru AKL 2023/089 – Micro Learning online course on Visual Media Literacy. Il-Kunsill innota l-kontenut.

71.9.15 Ċirkulari Nru AKL 2023/090 – Tnedija tad-dokument "Walkability and Accessibility" 02/11/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

71.9.16 Ċirkulari Nru AKL 2023/091 – Lista ta' Amministraturi tal-Appartamenti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

71.9.17 Ilment 46/2023
Suġġeriment sabiex jiġi nstallat dawl anke solari mal-istatwa ta' Sant'Indrija fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi

esplorata din il-possibilta' minħabba li m'hemmx servizz ta' dawl għaddej għall-istatwa.

71.9.18 Ilment 47/2023
Ilment dwar l-għeluq ta' Triq il-Puniċi fix-Xlendi. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien qabel sabiex l-għeluq ta' din it-triq minħabba x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jsir biss darbtejn fil-ġimgħa bejn nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis fix-xhur tas-Sajf. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul sabiex dawn ir-restrizzjonijiet fuq l-għeluq ta' din it-triq japplikaw għas-sena kollha.

71.9.19 Ilment 48/2023
Suġġeriment sabiex jinżabru s-siġar tal-palm ta' Triq ir-Rabat fix-Xlendi minħabba l-ammont ta' żerriegħa li qed jaqa' minnhom. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

71.9.20 Ilment 49/2023
Ilment dwar siġra biex tinżabar minħabba li ħierġa għal Triq il-Qsajjem fix-Xlendi li qed timbotta pilastru tal-ġebel. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġi identifikat u notifikat is-sid ta' din is-siġra li mill-informazzjoni mogħtija tidher li tinsab fi proprjeta' privata.

## 71.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

71.10.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 71/2023-8 għall-perjodu bejn id-29 ta' Settembru 2023 u t-23 t'Ottubru 2023 li tammonta għal €32,397.63 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Juliet Attard is-sekondant.

## 71.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

71.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 27 ta' Novembru 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, it-Tnejn 27 ta' Novembru 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |